Minuti tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li ssejħet b'urġenza u li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar is-Sibt 20 ta' Frar 2010 fil-8.50 a.m.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Skużat: | Il-Viċi Sindku s-Sur Anthony Borg |

**1. TALBA**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

**2. ĦSARA FUQ PROPJETA' TAL-KUNSILL (BELVEDERE TA' MULEJJA)**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li kellha tissejjaħ laqgħa b'urġenza minħabba l-fatt li kien qieħed isir xogħol permezz ta' makkinarju tqil li tqiegħed fuq il-wiċċ tal-Belvedere, li hu magħmul minn porfido u ġebla tal-qawwi, f'tarf Triq ta' Mulejja mill-Kuntrattur, is-Sur Lorry Attard u missieru Karmenu Attard (mgħaruf aktar bħala 'Ta Muħa') kien qiegħed jagħmel ħsara fuq il-*Belvedere* li jinsab fl-istess triq.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li dan ix-xogħol kien qiegħed isir bla permess. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li il-Kuntrattur qatt ma talab permess lill-Kunsill biex ikun jista' jagħmel xogħolijiet f'din it-triq. Nhar is-Sibt 23 ta' Jannar 2010 kien sar rapport minn resident fi Triq il-Mulejja fejn infurmana li fit-Triq kien hemm xi inġenji li kienu jindikaw li kien ser isir xogħol ta' tħaffir f'din it-triq. Dakinhar stess is-Segretarju Eżekuttiv bagħat *email* lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi fil-Ministeru għal Għawdex is-Sur Joseph Portelli, fejn informah b'dan, hekk kif indikat f'estratt mill-*email* t'hawn taħt.

> *"Il-Kunsill Lokali Fontana jixtieq jinfurmak li l-kuntrattur Lorry Attard ser jibda xogħol fuq il-culvert fil-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja, Fontana dan għar-raġuni li diga' ħa l-gaffa fuq il-post. Il-Kunsill jixtieq jinfurmak li dan ix-xogħol se jitwettaq illegalment u kontra kull proċedura governattiva, dan għar-raġuni li ma ntalab l-ebda permess mill-Kunsill u Awtoritajiet governattivi oħra.*


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

> *Wara li jkunu ingħataw il-permessi kollha u jsir ix-xogħol, il-Belvedere flimkien mal-Bankini, Porvido u Konok tas-Siġar għandhom jerġgħu jiġu fl-istat ta llum mill-aktar fis possibli wara li jitlesta x-xogħol."*

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar reġgħet daħlet telefonata oħra fl-uffiċċju tal-Kunsill minn resident fi Triq ta' Mulejja fejn informa lis-Segretarju Eżekuttiv li x-xogħol f'din it-triq kien beda. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku marru fuq il-post u ħadu xi ritratti li mbaghad għaddewhom lis-Sur Joseph Portelli permezz ta' *email* bħala prova li x-xogħol kien beda. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonferma mat-*Trenching Department* li huma, sas-2.00 p.m. tal-Ġimgħa 19 ta' Frar 2010, ma kienux ħarġu permess lill-kuntrattur biex jagħmel xogħolijiet f'din it-triq. Dakinhar stess, is-Segretarju Eżekuttiv, wara konsultazzjoni mas-Sindku, mar jagħmel rapport l-għassa tar-Rabat Għawdex. Il-Pulizija ċemplu lill-M.E.P.A. biex jinfurmawhom b'dan il-każ u l-M.E.P.A. kkonfermaw li kienu ħa jibagħtu *Enforcing Officer* tagħhom fuq il-post. Is-Sindku kkonferma li ra lis-Sur Joe Sciberras, Uffiċċjal għoli fid-Dipartiment tal-Progetti u Żvilupp, sejjer fuq il-post għall-ħabta tal-4.15 p.m. tal-Ġimgħa 19 ta' Frar 2010 fejn kien għad hemm is-Sur Lorry Attard u missieru Karmenu.

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar 2010 fil-5.10pm, id-Direttur is-Sur Joseph Portelli bagħat *email* lill-Kunsill fejn avżana li d-Dipartiment tiegħu nforma lill-kuntrattur biex jagħmel l-applikazzjoni għax-xogħol mal-Kunsill Lokali. Din l-*email* intbagħtet 4 ġimgħat wara l-ewwel *email* li kien bagħat is-Segretarju Eżekuttiv. Ta' minn jinnota li f'din l-*email* il-Kuntrattur ma ġiex mwaqqaf mix-xoghol iżda nfurmat biex jagħmel il-permess.

Nhar is-Sibt 20 ta' Frar 2010 għal-ħabta tas-7.30 a.m. is-Sindku mar fuq il-post fejn innota li kien tkompla x-xogħol, fejn saret aktar ħsara. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv marru fuq il-post għall-ħabta tat-8.00 a.m. u ħadu aktar ritratti tal-ħsara li kienet saret u li kienet ħa tkompli ssir jekk jitkompla x-xogħol.

Il-Kunsilliera Lorry Apap u Horace Micallef marru fuq il-post qabel il-laqgħa fejn anke huma kkonfermew li kienet saret ħsara fuq il-Belvedere ta' Mulejja.

Is-Sindku ppropona li għandu jsir mandat b'urġenza il-Qorti sabiex jitwaqqaf ix-xogħol li kien qiegħed isir minn dan il-kuntrattur, kif ukoll kontra d-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi fil-Ministeru għal Għawdex is-Sur Joseph Portelli. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Victor Cefai qablu. Il-Kunsillier Lorry Apap astjena peress li għandu kunflitt ta' interess, pero' hu stqarr li "Ħsara hi fejn hi u għamila min għamila jikkundannha".

Il-Viċi Sindku, nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħax jattendi għal-laqgħa peress li kellu mpenji oħra li ma setgħax jipposponi. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv spjega fil-qosor x'kien qiegħed jiġri, il-Viċi Sindku qabel li għandu jsir mandat il-Qorti.

Sar qbil li l-Kunsill għandu jkellem lill-Avukata Angele Formosa sabiex immedjatament isir il-mandat.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Il-laqgħa spiċċat fid-9.05 a.m.

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt